**Laqgħa Numru 77**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**29 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-5.00pm ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-12.15pm.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Paul Azzopardi | - Sindku |
| Domenic Zerafa | - Viċi Sindku |
| Hubert Saliba | - Kunsillier |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |

ASSENTI B'APOLOĠIJI:

| | |
|---|---|
| George Zammit | -Kunsillier |

Kunsillier li ma setax jattendi u għalhekk kien qed jiġi skużat.

MISTIEDEN:

| | |
|---|---|
| Mario Camillieri | -Voluntier fl-Organizazzjoni tal-Festival tal-Inbid |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Marion Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

**77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

77.1.1 George Zammit informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba problemi ta' saħħa.

**77.2 Il-Festival ta' L-Inbid**

77.2.1 Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem rigward l-imejl li intbagħtet lil membri tal-Kunsill. Is-Segretarju stqarret li ma tistax timxi bil-preparazzjonijiet fosthom tal-poster fejn fost l-oħrjan ma hemm xejn ikonfermat min-naħa tat-Taljani li dawn ħa jiġu żgur. Barra minnhekk talbet li jiġi diskuss hux il-Kunsill se jħallas l-ispejjeż kollha relatati ma' dan l-avveniment, kemm se jkun il-prezz tat-tazza ta' l-inbid u jekk dan id-dħul hux se jintuża biex ikopri l-ispejjeż li se jagħmel il-Kunsill jew inkella mit-Taljani biex ikopru l-ispejjeż biex dawn jinżlu bl-inbid minn Castelvenere. Kien għalhekk deċiż mill-membri preżenti li tintbagħat imejl minnufih lis-Sur Pasquale Carlo, organizatur min-naħa tat-Taljani fejn il-Kunsill jitlob biex jara x'tip ta' għajnuna qed jistennew huma.

77.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk sarux kuntatti ma' tad-Dwana min-naħa tat-Taljani. Is-Sur Mario Camillieri stqarr li sa fejn jaf hu le imma mhux qed jara din bħalha problema hekk kif jaħseb li jekk il-Kunsill ikellem lil tad-Dwana dan għandu jgħin. Is-Sindku kkomunika li kellhu jikkuntatja lil tad-Dwana hu stess.

77.2.3 Is-Sindku kkomunika li kien bagħat imejl lil Ministeru t'Għawdex u anke lil GTA biex ikunu jistgħu jgħinu fl-ispejjeż li hemm abinati ma' attivita' bħal din. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li kienet għadha kemm irċiviet imejl min-naħa tal-Ministru Dr Justyne Caruana fejn kienet qed isaqsi x'tip ta' għajnuna l-Kunsill kien qed ifittex. Il-membri tal-Kunsill iddiskutew u qablu li għandha tintalab l-għajnuna fuq l-armar tad-dawl, servizz ta' mini-bus minħabba l-park and ride minn fejn il-heliport u anke transport mix-xatt għal Ta' Blankas għall-Maltin.

77.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li jrid isir *risk assessment* biex b'hekk il-Kunsill jieħu l-prekwazzjonijiet neċċessarji u jkun koperat f'każ ta' xi inċident.

77.2.5 Is-Sur Mario Camilleri kkomunika li minħabba li għall-avveniment ftit baqa' żmien irid isir reklamar permezz tal-media soċjali. Kien hawnhekk li s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill m'għandux *page* imma *profile* u din mhux aġġornata min-naħa tal-Kunsill kif titlob il-liġi. Il-membri preżenti qablu li għandha tiġi maħluqa *Page* minufih u din tkun taħt ir-responsabilita tas-Segretarju Eżekuttiv kif titlob Direttiva Nru 4/2016. Tqajjem il-punt rigward jekk għandux isir reklamar waqt il-programm Roadshow fuq l-istazzjon nazzjonali għall-prezz ta' €160 għal 10 sekondi. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet li hi ma taqbilx li għandu jsir dan ir-reklama waqt li l-membri l-oħra sostnew li r-reklamar fuq dan il-programm jista' jilħaq ħafna nies.

77.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet kemm se jintalab ħlas għall-*food stalls*. Il-membri tal-Kunsill waqt li ddiskuttew li għall-bejgħ għandu jkun hemm biss ikel tradizzjonali Malti biss baqgħu ma ddeċċidewx kemm għandu jkun il-ħlas għal kull *food stall*.

77.2.7 Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew x'għandu jinkiteb fuq it-tazza ta' l-inbid. Il-membri qablu li l-isem tal-Festival tal-Inbid għandu jinkiteb biex it-tazza tibqa' bħalha tifkira.

77.2.8 Is-segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li waqt li talbet tlett kwotazzjonijiet kemm għall-band u anke għall-folk group kienet qed isib problema peress li dawn ibbukjati. Kien għalhekk deċiż li mmexxu mal-band D Capitals u l-folk group Ta' Verna ħalli ma nitifluhx is-servizz tagħhom. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li jkun jixraq jekk ikun hemm anke l-għana. L-istess kunsillier kellhu jġib il-kuntatti tat-titfel għannej wara li l-membri preżenti qablu ma' dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.28pm.

Konfermati, illum **25 ta' Ġunju 2018**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Paul Azzopardi<br>Sindku | Marion Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |